VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,509, 10 ta' Diċembru, 2015
Taqsima B

A.L. 409 tal-2015

ATT DWAR IL-KUMMERĊ TAL-ASSIGURAZZJONI (KAP. 403)

Regolamenti tal-2015 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kummerċ tal-Assigurazzjoni (Penalitajiet għal Reati u Infrazzjonijiet)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 67 tal-Att dwar il-Kummerċ tal-Assigurazzjoni, il-Ministru għall-Finanzi, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti tal-2015 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kummerċ tal-Assigurazzjoni (Penalitajiet għal Reati u Infrazzjonijiet), u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Kummerċ tal-Assigurazzjoni (Penalitajiet għal Reati u Infrazzjonijiet), hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 403.06.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fl-1 ta' Jannar 2016.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali, għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) it-tifsira "l-Awtorità" għandha titħassar;

(b) minnufih wara t-tifsira "l-Att", għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "awtorità kompetenti" tfisser l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta mwaqqfa bl-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta;"; Kap. 330.

(ċ) minnufih wara it-tifsira ġdida "awtorità kompetenti", għandhom jiżdiedu t-tifsiriet ġodda li ġejjin:

" "impriża awtorizzata" tfisser impriża tal-assigurazzjoni awtorizzata u impriża tar-rijassigurazzjoni awtorizzata;

"impriża tal-assigurazzjoni awtorizzata" tfisser

VERŻJONI ELETTRONIKA

impriża, li tkun irċeviet awtorizzazzjoni konformement mal-artikolu 7 tal-Att biex tmexxi kummerċ ġenerali dirett u, jew kummerċ fit-tul, u tinkludi impriża li tkun awtorizzata tmexxi kummerċ dirett u ta' rijassigurazzjoni;

"impriża tar-rijassigurazzjoni awtorizzata" tfisser impriża li tkun irċeviet awtorizzazzjoni konformement mal-artikolu 7 tal-Att biex tmexxi kummerċ ristrett għar-rijassigurazzjoni;";

(d) fit-tifsira "penali amministrattiva", minflok il-kliem "mill-Awtorità", għandhom jidħlu l-kliem "mill-awtorità kompetenti";

(e) minflok it-tifsira "regola dwar l-assigurazzjoni", għandha tidħol it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Regoli dwar l-Assigurazzjoni" għandha l-istess tifsira kif mogħti lilha bl-artikolu 2 tal-Att;"; u

(f) minflok il-kliem "u l-kliem u espressjonijiet li huma wkoll użati fl-Att għandhom l-istess tifsir li għandhom fl-Att.", għandhom jidħlu l-kliem "u kliem u espressjonijiet li huma użati f'dawn ir-regolamenti, li huma wkoll użati fl-Att u li ma humiex mfissra hawnhekk, għandhom l-istess tifsir li għandhom fl-Att.".

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

3. Fis-sub-regolament (2) tar-regolament (3) tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "fit-tielet kolonna tagħha.", għandhom jidħlu l-kliem "fit-tielet kolonna tagħha, jew jew dik il-multa u priġunerija flimkien.".

Jemenda r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

4. Fis-sub-regolament (2) tar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kelma "Awtorità", u kull fejn din tidher fir-regolamenti prinċipali, għandhom jidħlu l-kliem "awtorità kompetenti".

Riżerva.

5. L-ebda ħaġa f'dawn ir-regolamenti m'għandha titqies li tolqot kwalunkwe penali imposta taħt ir-regolamenti prinċipali, qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti.

Jissostitwixxi l-Ewwel, it-Tieni, it-Tielet, u ir-Raba' Skeda li jinsabu mar-regolamenti prinċipali.

6. Minflok l-Ewwel Skeda, it-Tieni Skeda, it-Tielet Skeda u ir-Raba' Skeda li jinsabu mar-regolamenti prinċipali, għandu jidħol dan li ġej, rispettivament:

VERŻJONI ELETTRONIKA

"L-EWWEL SKEDA

(Regolament 3)

Penalitajiet li jistgħu jiġu infurzati bi prosekuzzjoni fil-qrati ta' Malta

L-Ewwel Kolonnna	It-Tieni Kolonna	It-Tielet Kolonna
Livell	Multa	Priġunerija
1	mhux inqas minn €230 iżda mhux aktar minn €18,600	mhux aktar minn tliet xhur
2	mhux inqas minn €9,300 iżda mhux aktar minn €93,200	mhux inqas minn xahar iżda mhux aktar minn sitt xhur
3	mhux inqas minn €46,600 iżda mhux aktar minn €466,000	mhux inqas minn sitt xhur iżda mhux aktar minn erba' snin.

IT-TIENI SKEDA

(Regolament 3)

Penalitajiet amministrattivi li jistgħu jiġu mwaħħla mill-awtorità kompetenti mingħajr il-ħtieġa ta' attendenza fil-qorti

L-Ewwel Kolonna	It-Tieni Kolonna	It-Tielet Kolonna
Livell	Penali	Penali ta' kuljum
1	mhux inqas minn €1,000 iżda mhux aktar minn €23,000	mhux inqas minn €15 iżda mhux aktar minn €35
2	mhux inqas minn €23,000 iżda mhux aktar minn €50,000	mhux inqas minn €25 iżda mhux aktar minn €75
3	mhux inqas minn €50,000 iżda mhux aktar minn €150,000	mhux inqas minn €60 iżda mhux aktar minn €116.

IT-TIELET SKEDA

(Regolament 4)

Penalitajiet tal-Qorti

L-Ewwel Kolonna	It-Tieni Kolonna	It-Tielet Kolonna
Artikolu	Reat	Livell ta' penali
67(1) b'riferenza għal 6(1)	Tmexxi l-kummerċ tal-assigurazzjoni f'Malta jew minn Malta mingħajr awtorizazzjoni	3
67(1) b'riferenza għal 25	Tmexxi l-kummerċ tal-assigurazzjoni meta l-awtorizazzjoni tiġi awtomatikament revokata	3

VERŻJONI ELETTRONIKA

L-Ewwel Kolonna	It-Tieni Kolonna	It-Tielet Kolonna
Artikolu	Reat	Livell ta' penali
67(1) b'riferenza għal 26	Tmexxi l-kummerċ tal-assigurazzjoni meta l-awtorizazzjoni tiġi sospiża jew revokata	3
67(1) b'riferenza għal 41(2)	Nuqqas minn impriża tal-assigurazzjoni awtorizzata li l-uffiċċju prinċipali tagħha jkun f'Malta li tħares il-projbizzjoni fuq id-disponiment ħieles tal-attiv tal-impriża, kemm jekk dak l-attiv ikun sitwat f'Malta jew f'xi pajjiż barra minn Malta, jew, fil-każ ta' impriża tal-assigurazzjoni ta' pajjiż terz awtorizzata, il-projbizzjoni fuq id-disponiment ħieles tal-attiv tal-impriża sitwat f'Malta jew f'xi pajjiż ieħor barra minn Malta jekk dak l-attiv ikun relatat mal-kummerċ tal-impriża f'Malta	2
67(1) b'riferenza għal 60(1)	Skambju ta' informazzjoni dwar poloz, detenturi ta' polza, detenturi prospettivi ta' polza, persuni assigurati, kull min iressaq xi talba jew partjiiet oħra relatati bejn assiguraturi, intermedjarji u l-pulizija barra minn biex ikun evitat, identifikat jew imrażżan il-frodi fl-assigurazzjoni	1
67(2)(a)	Tikseb b'qerq xi awtorizazzjoni taħt l-Att jew konformement ma' xi dispożizzjoni ta' dan l-Att jew ta' xi regolamenti jew Regoli dwar l-Assigurazzjoni magħmulin taħtu	3
67(2)(b)	Xjentement tipparteċipa fi, jew tipprokura jew tgħin jew tħajjar il-ksur ta' xi disposizzjoni tal-Att jew ta' xi regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu jew ta' xi Regoli dwar l-Assigurazzjoni	Il-livell ta' penali li jgħodd għar-reat prinċipali
67(2)(ċ)	Tfixkel lil xi persuna li tkun qed teżerċita d-drittijiet mogħtija bl-Att jew b'xi regolamenti jew Regoli dwar l-Assigurazzjoni magħmulin taħtu	2
67(2)(d)	Kull persuna li xjentement tieħu sehem fit-tmexxija tal-kummerċ tal-assigurazzjoni bi ħsieb qarrieqi jew għal għan qarrieqi	3
67(2)(f)	Nuqqas minn direttur, kontrollur, uffiċjal jew impjegat ta' impriża li jassigura konformità mill-impriża ma' kull disposizzjoni tal-Att jew ta' xi regolamenti, jew ta' xi Regoli dwar l-Assigurazzjoni magħmula bis-saħħa tiegħu, jew ta' xi awtorizzazzjoni jew permess maħruġ taħtu; jew li jassigura l-korrettezza tad-dikjarazzjonijiet magħmula jew informazzjoni oħra mogħtija taħt xi waħda minn dawk id-disposizzjonijiet; jew ineħħi, jeqred, jaħbi jew bi frodi jbiddel xi dokument bil-ħsieb li ma li ma jinkixifx l-għemil ta' xi reat taħt xi waħda minn dawk id-disposizzjonijiet.	2
Kull reat ieħor li jirriżulta taħt xi disposizzjoni tal-Att li mhux provdut speċifikament dwaru f'din l-Iskeda		2

VERŻJONI ELETTRONIKA

IR-RABA' SKEDA

(Regolament 4)

F'din l-Iskeda l-"Penalitajiet Amministrattivi" huma dawk magħmula taħt u għall-fini tal-artikolu 67(6) tal-Att

Penalitajiet Amministrattivi

L-Ewwel Kolonna	It-Tieni Kolonna	It-Tielet Kolonna
Artikolu	Infrazzjoni	Livell ta' penali
7(2)	Nuqqas minn impriża tal-assigurazzjoni awtorizzata li tmexxi kummerċ tal-assigurazzjoni li tikseb l-awtorizzazzjoni biex testendi il-kummerċ tagħha għall-kummerċ ta' rijassigurazzjoni	1
7(3)	Nuqqas minn impriża li l-uffiċċju prinċipali tagħha jkun f'Malta li tgħarraf lil awtorità kompetenti bit-tmexxija ta' kummerċ tal-assigurazzjoni fi Stat Membru jew Stat ŻEE, li ma jkunx Malta, fl-eżerċizzju ta' dritt Ewropew	1
7(4)	It-tmexxija ta' kummerċ tal-assigurazzjoni mingħajr awtorizzazzjoni, fi klassijiet li ma jkunux dawk li impriża awtorizzata tkun diġà awtorizzata dwarhom	1
7(8)	Nuqqas minn impriża awtorizzata li tħares xi kondizzjoni ta' awtorizzazzjoni	2
8(4)	Nuqqas minn impriża tal-assigurazzjoni li tipprovdi lil awtorità kompetenti b'informazzjoni relatata ma' rabtiet mill-qrib	1
10(3)	Tiftaħ xi fergħa, aġenzija jew uffiċċju. jew tippreżenta ruħha bħala impriża li qegħda tmexxi kummerċ tal-assigurazzjoni f'pajjiż jew minn pajjiż barra minn Malta, jew tistabilixxi jew takkwista xi sussidjarja f'xi pajjiż barra minn Malta, mingħajr il-kunsens tal-awtorità kompetenti	2
11(4)	Nuqqas minn impriża tal-assigurazzjoni ta' pajjiż terz u impriża tar-rijassigurazzjoni ta' pajjiż terz li żżomm f'Malta f'kull żmien ammont ta' fondi eliġibbli tal-impriża stess skont regolamenti magħmulin għall-finijiet tal-Att u li tiddepożita proporzjon speċifikat minn dawk il-fondi tal-impriża stess li jista' jiġi preskritt taħt l-artikolu 18G	2
14(2)	Nuqqas minn impriża awtorizzata li tikseb l-approvazzjoni minn qabel bil-miktub tal-awtorità kompetenti relatati mal-elementi ta' fondi anċillari tal-impriża stess	1
15(1)	Nuqqas minn impriża awtorizzata li żżomm fondi eliġibbli tal-impriża stess li jkopru l-Kapital Rekwiżit għas-Solvibbilità	2
15(2)	Nuqqas minn impriża awtorizzata li tikkalkula il-Kapital Rekwiżit għas-Solvibbilità skont il-formula standard jew mudell intern, sħiħ jew parzjali, kif approvat mill-awtorità kompetenti	3

VERŻJONI ELETTRONIKA

L-Ewwel Kolonna	It-Tieni Kolonna	It-Tielet Kolonna
Artikolu	Infrazzjoni	Livell ta' penali
16(1)	Nuqqas minn impriża awtorizzata li tgħarraf lill-awtorità kompetenti malli tosserva li l-Kapital Rekwiżit għas-Solvibbilità ma jkunx għadu qed jitħares, jew meta jkun hemm riskju ta' nuqqas ta' konformità fit-tliet xhur sussegwenti	2
16(2)	Nuqqas minn impriża awtorizzata li tissottometti pjan ta' rkupru realistiku għall-approvazzjoni tal-awtorità kompetenti fi żmien xahrejn minn meta jiġi osservat in-nuqqas ta' konformità mal-Kapital Rekwiżit għas-Solvibbilità	2
16(3)	Nuqqas minn impriża awtorizzata li tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tikseb, fi żmien sitt xhur minn meta jiġi osservat in-nuqqas ta' konformità mal-Kapital Rekwiżit għas-Solvibbilità, it-twaqqif mill-ġdid tal-livell ta' fondi eliġibbli tal-impriża stess li jkopru l-Kapital Rekwiżit għas-Solvibbilità jew it-tnaqqis tal-profil tar-riskju tal-impriża sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-Kapital Rekwiżit għas-Solvibbilità	3
16(6)	Nuqqas minn impriża awtorizzata li tosserva ir-restrizzjoni jew il-projbizzjoni tad-disponiment ħieles tal-attiv ta' dik l-impriża	2
17(1)	Nuqqas minn impriża awtorizzata li żżomm fondi bażiċi eliġibbli tal-impriża stess li jkunu jkopru l-Kapital Minimu Rekwiżit	3
18(1)	Nuqqas minn impriża awtorizzata li tgħarraf minnufih lil awtorità kompetenti meta hija tosserva li l-Kapital Minimu Rekwiżit ma jkunx għadu qiegħed jitħares jew meta jkun hemm riskju ta' nuqqas ta' konformità fit-tliet xhur sussegwenti	2
18(2)	Nuqqas minn impriża awtorizzata li tissottometti skema realistika ta' finanzjament għal żmien qasir għall-approvazzjoni tal-awtorità kompetenti fi żmien xahar minn meta jiġi osservat nuqqas ta' konformità mal-Kapital Minimu Rekwiżit	2
18(3)	Nuqqas minn impriża awtorizzata li tosserva ir-restrizzjoni jew il-projbizzjoni tad-disponiment ħieles tal-attiv tal-impriża konċernata	2
18B	Nuqqas minn impriża awtorizzata li tavża lill-awtorità kompetenti minnufih meta dik l-impriża tkun identifikat id-deterjorament ta' kondizzjonijiet finanzjarji tagħha	2
18E(1)	Nuqqas minn impriża awtorizzata li tistabbilixxi u żżomm proviżjonijiet tekniċi fir-rigward tal-obbligi ta' assigurazzjoni u tar-rijassigurazzjoni kollha tagħha	3
18E(2)	Nuqqas minn impriża awtorizzata li tivvaluta u tikkalkola proviżjonijiet tekniċi skont Regoli dwar l-Assigurazzjoni magħmulin għall-finijiet tal-artikolu 18E	3

VERŻJONI ELETTRONIKA

L-Ewwel Kolonna	It-Tieni Kolonna	It-Tielet Kolonna
Artikolu	Infrazzjoni	Livell ta' penali
18E(4)	Nuqqas minn impriża awtorizzata li żżid l-ammont ta' proviżjonijiet tekniċi biex dawn ikunu jikkorrispondu mal-livell stabbilit skont ir-Regoli dwar l-Assigurazzjoni magħmulin għall-finijiet tal-artikolu 18E	3
18E(5)	Nuqqas minn impriża awtorizzata li tosserva il-projbizzjoni tad-disponiment liberu tal-attiv ta' dik l-impriża	2
18F	Nuqqas minn impriża awtorizzata li l-uffiċċju prinċipali tagħha jkun f'Malta li tiżvela pubblikament, ta' kull sena, rapport fuq is-solvibbilità u l-kundizzjoni finanzjarja tal-impriża	1
18G(1)	Nuqqas minn impriża li tiddepożita f'kustodja l-attiv tax-xorta jew ammont preskritt ma' persuna preskritta b'regolamenti magħmula għall-finijiet tal-artikolu 18G	3
18G(4)	Titrasferixxi, tirtira jew tgħabbi b'xi piż l-attiv tal-impriża meħtieġ li jinżamm Malta jew mingħajr il-permess tal-awtorità kompetenti jew mingħajr ma ġġib prova lil awtorità kompetenti li ma fadlilhiex passiv ieħor	3
18H	Nuqqas mill-Bord tad-Diretturi li jaġixxu bħala il-persuni li għandhom ir-responsabbiltà aħħarija għal konformità mill-impriża konċernata mal-Att, regolamenti, u Regoli dwar l-Assigurazzjoni maħruġin taħtu inkluż kull obbligu ieħor konformement mad-Direttiva Solvibbilità II	3
18I	Nuqqas minn impriża awtorizzata li jkollha stabbilita sistema ta' governanza effettiva li tipprovdi għat-tmexxija tal-kummerċ tal-impriża b'mod tajjeb u prudenti skont Regoli dwar l-Assigurazzjoni magħmula għall-finijiet tal-artikolu 18I	2
19(2) jew (3)	Nuqqas minn impriża awtorizzata li l-uffiċċju prinċipali tagħha jkun f'Malta jew impriża tal-assigurazzjoni ta' pajjiż terz jew impriża tar-rijassigurazzjoni ta' pajjiż terz li tkun qegħda tapplika għal awtorizzazzjoni taħt l-artikolu 7 biex tmexxi kummerċ tal-assigurazzjoni f'Malta jew minn Malta li tavża bil-miktub lill- awtorità kompetenti li tkun bidlet is-sena finanzjarja tagħha	1
20(1)	Nuqqas minn impriża awtorizzata li tibgħat ta' kull sena lill-awtorità kompetenti kopja tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji verifikati; jew li tesponi dawk id-dikjarazzjonijiet matul perjodu speċifikat jew bil-mod previst fl-artikolu 20	1
20(1A)	Nuqqas minn impriża li tipprovdi kopja tad-dikjarazzjonijiet verifikati tagħha lil kull persuna li tapplika mal-impriża għal din il-kopja	1
21(1)	Nuqqas minn impriża awtorizzata li taħtar uditur approvat	2

VERŻJONI ELETTRONIKA

L-Ewwel Kolonna	It-Tieni Kolonna	It-Tielet Kolonna
Artikolu	Infrazzjoni	Livell ta' penali
21(5)	Nuqqas minn uditur li javża lil awtorità kompetenti jekk huwa jirreżenja, ma jkunx bi ħsiebu li jerġa' jikseb dik il-kariga jew jekk jikkwalifika r-rapport ta' verifika jew nuqqas li jispeċifika r-raġunijiet fil-każ ta' riżenja	1
21(6)	Nuqqas minn impriża awtorizzata li tavża bil-miktub lill-awtorità kompetenti jekk tirċievi avviż ta' riżoluzzjoni biex tinħatar persuna bħala uditur li ma jkunx l-uditur li jkun ser jirtira jew ma jerġax jinħatar l-uditur li jkun ser jirtira	1
21(7)	Nuqqas minn impriża awtorizzata li tavża bil-miktub lill-awtorità kompetenti, jew li tavża bil-miktub lill-awtorità kompetenti matul perijodu speċifikat, ir-raġunijiet għaliex tkun ser ittemm il-ħatra tal-uditur tal-impriża	1
21(8)	Nuqqas minn impriża awtorizzata li tibdel l-uditur jekk ikun hekk meħtieġ mill-awtorità kompetenti	1
22(1)	Nuqqas minn impriża tal-assigurazzjoni awtorizzata li tmexxi kummerċ fit-tul *with-profits* kif hemm fi klassijiet I u III, kif speċifikat fit-Tieni Skeda li tinsab mal-Att, li taħtar attwarju approvat	2
22(2)	Nuqqas minn impriża tal-assigurazzjoni awtorizzata li tavża bil-miktub lill-awtorità kompetenti matul perijodu speċifikat, bil-ħatra ta' attwarju, jew bi tmiem il-ħatra ta' attwarju, bħala attwarju tal-impriża	1
22(4)	Nuqqas minn attwarju li jagħti bil-miktub lill-awtorità kompetenti r-raġunijiet għat-tmiem tal-ħatra tiegħu bħala attwarju ta' impriża tal-assigurazzjoni awtorizzata	1
23(3)	Nuqqas minn impriża tal-assigurazzjoni awtorizzata li tibgħat lill-awtorità kompetenti kopja tar-rapport tal-attwarju, flimkien mad-dikjarazzjonijiet finanzjarji verifikati	2
24	Nuqqas minn uditur jew attwarju li javża lill-awtorità kompetenti dwar xi ħaġa, xi fatt jew deċiżjoni kif previst fl-artikolu 24	2
28	Nuqqas minn impriża awtorizzata li tħares jew li xort'oħra tagħti effett lil miżuri meħuda mill-awtorità kompetenti skont l-artikolu 28	2
29(1)	Nuqqas minn impriża awtorizzata li tagħti lill-awtorità kompetenti t-tagħrif jew dokumentazzjoni kif meħtieġ inklużi *records* eżistenti tat-telefon u tat-traffiku ta' *data* eżistenti; jew it-tagħrif jew dokumentazzjoni verifikati bil-mod kif speċifikat; jew li tidher quddiem l-awtorità kompetenti, jew quddiem xi persuna maħtura mill-awtorità kompetenti, biex twieġeb mistoqsijiet u tagħti tagħrif u dokumentazzjoni kif meħtieġ	2

VERŻJONI ELETTRONIKA

L-Ewwel Kolonna	It-Tieni Kolonna	It-Tielet Kolonna
Artikolu	Infrazzjoni	Livell ta' penali
29(3)	Nuqqas minn impriża awtorizzata li tgħid lill-awtorità kompetenti fejn ikun jinsab it-tagħrif jew dokumentazzjoni meħtieġa li ma jkunx fil-pussess tal-impriża; nuqqas minn persuna, inkluża persuna li l-impriża tkun għamlet *outsourcing* magħha ta' xi attività jew funzjoni, li tagħti lill-awtorità kompetenti t-tagħrif jew tippreżenta d-dokumentazzjoni li jkollha fil-pussess tagħha	1
30(4)	Nuqqas minn xi uffiċjal jew aġent tal-impriża awtorizzata li jipproduċi lil spettur il-kotba u d-dokumenti kollha ta', jew li jirreferu għal, l-impriża; jew li jagħti lil spettur l-għajnuna kollha dwar l-istħarriġ li jagħmel dwar l-affarijiet tal-impriża	1
31	Nuqqas minn persuna li tassisti lill-awtorità kompetenti tidħol u tfittex fil-post biex tikseb it-tagħrif jew dokumentazzjoni	2
31A	Nuqqas minn xi persuna li tħares jew xort'oħra tagħti effett għal xi direttiva imposta mill-awtorità kompetenti	1
31B(5)	Nuqqas minn impriża awtorizzata li tirrimedja dik-id-dgħjufija jew defiċjenza li tkun ġiet identifikata mill-awtorità kompetenti bħala konsegwenza tal-proċess ta' reviżjoni superviżorja	1
31Ċ(1)	Nuqqas minn impriża awtorizzata li tistabbilixxi żjieda kapitali ulterjuri imposta mill-awtorità kompetenti skont l-artikolu 31Ċ	2
31Ċ(3)	Nuqqas minn impriża awtorizzata li tirrimedja għan-nuqqasijiet li jkunu wasslu għall-imposizzjoni taż-żjieda kapitali ulterjuri, mingħajr dewmien	2
32	Nuqqas minn impriża awtorizzata li tibgħat lill-awtorità kompetenti dik l-informazzjoni li tkun meħtieġa għall-finijiet ta' superviżjoni, skont l-artikolu 32	1
32Ċ(12)	Nuqqas minn impriża *parent* li jkollha l-uffiċċju prinċipali tagħha f'Malta li tipprovdi lill-awtorità kompetenti kull informazzjoni fuq talba tas-superviżur tal-grupp	1
33(1)	Tittrasferixxi id-drittijiet u l-obbligi tal-impriża tal-assigurazzjoni awtorizzata taħt il-poloz ta' kummerċ ġenerali, jew poloz ta' kummerċ ġenerali ta' xi deskrizzjoni, mingħajr l-approvazzjoni tal-awtorità kompetenti	2
35(1)	Tittrasferixxi l-kummerċ fit-tul tal-impriża tal-assigurazzjoni awtorizzata, kollu jew parti minnu, mingħajr l-approvazzjoni tat-Tribunal għal Servizzi Finanzjarji	2
37(1)	Tittrasferixxi l-kummerċ ta' impriża tar-rijassigurazzjoni awtorizzata, kollha jew parti minnhom, mingħajr l-approvazzjoni tal-awtorità kompetenti	2

VERŻJONI ELETTRONIKA

L-Ewwel Kolonna	It-Tieni Kolonna	It-Tielet Kolonna
Artikolu	Infrazzjoni	Livell ta' penali
37A	Nuqqas minn impriża awtorizzata li tavża lill-awtorità kompetenti qabel ma taċċetta l-kummerċ ġenerali jew il-kummerċ fit-tul, kollu kemm hu jew parti minnu, minn impriża li l-uffiċċju prinċipali tagħha jkun f'pajjiż barra minn Malta	1
38(1)	Nuqqas minn persuna li tavża lill-awtorità kompetenti dwar deċiżjoni biex takkwista jew tkabbar *holding* kwalifikattiv ta' azzjonijiet f'impriża awtorizzata; jew li tagħti l-informazzjoni meħtieġa li tingħata kif jista' jiġi determinat minn Regoli dwar l-Assigurazzjoni	2
38(2)	Nuqqas minn persuna li tavża lill-awtorità kompetenti dwar deċiżjoni biex tnaqqas jew tirrinunzja *holding* kwalifikattiv ta' azzjonijiet f'impriża awtorizzata; jew li tagħti l-informazzjoni meħtieġa li tingħata kif jista' jiġi determinat minn Regoli dwar l-Assigurazzjoni	2
38(4)	Nuqqas minn impriża awtorizzata u mid-diretturi tagħha li javżaw lill- awtorità kompetenti li xi persuna tkun bi ħsiebha takkwista, tkabbar, tnaqqas jew tirrinunzja *holding* kwalifikattiv ta' azzjonijiet fl-impriża	1
38Ċ(2)	Nuqqas minn diretturi u azzjonisti kwalifikanti ta' impriża awtorizzata li javżaw lill-awtorità kompetenti meta l-impriża tkun bi ħsiebha li tingħaqad ma' xi impriża oħra, jew li tagħmel rikostruzzjoni jew qasma, jew li żżid jew tnaqqas il-kapital azzjonarju tagħha, nominali jew maħruġ, jew li tagħmel xi bidla materjali fil-jeddijiet tal-votazzjoni	1
39(1) u 40A	Nuqqas minn impriża awtorizzata li tagħti avviż, jew li tagħti avviż f'perjodu speċifikat, lill-awtorità kompetenti meta l-impriża tkun bi ħsiebha tieqaf, għal kollox jew f'parti, li tmexxi l-kummerċ li hija awtorizzata tmexxi	1
40 u 40A	Nuqqas minn impriża awtorizzata li tieqaf milli tmexxi l-kummerċ li kienet awtorizzata tmexxi, li twettaq u tmexxi kuntratti ta' assigurazzjoni ġodda fil-kummerċ li hija tkun awtorizzata li tieqaf tmexxi	2
40 u 40A	Nuqqas minn impriża awtorizzata li jinħarġilha permess li tieqaf milli tmexxi l-kummerċ li kienet awtorizzata tmexxi, li tagħmel *servicing* jew *run-off* ta' kuntratti ta' assigurazzjoni li jkunu twettqu u tmexxew minnha qabel id-data speċifikata tal-waqfien	2
41(7)	Nuqqas minn impriża awtorizzata li tagħti minnufih avviż bil-miktub lill-awtorità kompetenti hekk kif tittieħed deċiżjoni li xxolji u tiġi stralċjata	2
42(1)	Xoljiment u stralċ volontarju minn impriża awtorizzata li tmexxi kummerċ fit-tul, mingħajr il-kunsens tal-awtorità kompetenti	3
42(2)	Nuqqas minn impriża awtorizzata u d-diretturi tagħha li jinnotifikaw lill-awtorità kompetenti malli jsiru jafu li dik l-impriża tkun bi ħsiebha tiġi xolta u konsegwentement stralċjata volontarjament	2

VERŻJONI ELETTRONIKA

L-Ewwel Kolonna	It-Tieni Kolonna	It-Tielet Kolonna
Artikolu	Infrazzjoni	Livell ta' penali
43(1)	Nuqqas minn detentur ta' awtorizzazzjoni biex imexxi l-kummerċ tal-assigurazzjoni jew detentur ta' permess biex jagħmel *servicing* jew *run-off* ta' kummerċ tal-assigurazzjoni li jagħti avviż bil-miktub lill-awtorità kompetenti b'kull tibdil materjali fid-dokumentazzjoni jew informazzjoni provduta, jew meħtieġa li tiġi provduta, bl-Att jew taħtu	1
43(2)(a)	Nuqqas minn impriża awtorizzata li l-uffiċċju prinċipali tagħha jkun f'Malta li tissottometti bil-miktub lill-awtorità kompetenti għall-approvazzjoni tal-awtorità l-partikolaritajiet ta' kull żieda jew bidla proposta fil-memorandum jew fl-istatut ta' assoċċjazzjoni tal-impriża jew f'xi dokument ieħor li jikkostitwixxi l-impriża	1
43(2)(b)	Nuqqas minn impriża awtorizzata li l-uffiċċju prinċipali tagħha jkun f'Malta li tgħarraf, mill-inqas darba f'sena, lill-awtorità kompetenti bl-ismijiet tal-persuni li jkollhom *holding* kwalifikattiv ta' azzjonijiet fl-impriża u l-perċentwali ta' dak il-*holding* fil-forma, mod u kontenut fiż-żmien stabbilit b'Regoli dwar l-Assigurazzjoni magħmula għall-finijiet tal-artikolu 43	1
43(3)	Nuqqas minn impriża awtorizzata li tavża lill-awtorità kompetenti fuq bażi kontinwa, b'kull tibdil jew ċirkostanza li tista' toħloq l-eżistenza ta' rabtiet mill-qrib	1
47(1)	Nuqqas minn impriża tal-assigurazzjoni awtorizzata li toħroġ kuntratti ta' assigurazzjoni espressi fil-lingwa kif jista' jiġi stabbilit b'Regoli dwar l-Assigurazzjoni magħmula għall-fini tal-artikolu 47	1
47(2)	Nuqqas minn impriża awtorizzata li toħroġ kuntratti ta' assigurazzjoni miktubin bil-lingwa Ingliża	1
48(1)	Ħruġ ta' reklami jew l-għemil ta' attivitajiet promozzjonali minn impriża tal-assigurazzjoni awtorizzata li b'mod ġenerali jqarrqu jew jingannaw lid-detenturi ta' polza u lill-pubbliku	1
48B	Nuqqas ta' impriża awtorizzata li tuża s-servizzi ta' intermedjarji fl-assigurazzjoni iskritti taħt l-Att dwar l-Intermedjarji fl-Assigurazzjoni jew reġistrati taħt l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2002/92/KE jew reġistrati jew regolati biex iwettqu dawk is-servizzi fi Stat mhux Membru jew fi Stat mhux ŻEE skont id-dispożizzjonijiet tal-liġijiet applikabbli f'dak l-Istat	1
67(2)(e)	Nuqqas minn persuna li tħares kull kundizzjoni, limitazzjoni jew ħtieġa, jew li twettaq xi direttiva jew ordni magħmulin jew mogħtija taħt xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-Att jew ta' xi regolamenti magħmulin bis-saħħa tiegħu jew ta' xi Regoli dwar l-Assigurazzjoni.	1

VERŻJONI ELETTRONIKA

L-Ewwel Kolonna	It-Tieni Kolonna	It-Tielet Kolonna
Artikolu	Infrazzjoni	Livell ta' penali
	Kull infrazzjoni oħra kontra xi disposizzjoni tal-Att jew ta' xi regolamenti magħmulin bis-saħħa tiegħu jew ta' xi Regola dwar l-Assigurazzjoni li mhux provdut speċifikament dwarha f'din l-Iskeda.	1

".